



Brussell, 11 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11590/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0247(NLE)

PECHE 282

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 421 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/868

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 421 final.

Mehmuż: COM(2023) 421 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.7.2023
COM(2023) 421 final

2023/0247 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/868

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) għall-perjodu 2024-2028 b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku

Bl-istabbiliment tal-ICCAT, il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (Konvenzjoni ICCAT) tfittex li tippromwovi l-kooperazzjoni għaż-żamma tal-popolazzjonijiet tat-tonn u tal-ħut li jixbah it-tonn fl-Oċean Atlantiku f'livelli li jippermettu l-qbid massimu sostenibbli għall-ikel u finijiet oħra. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fil-21 ta' Marzu 1969.

L-Unjoni hija parti fl-ICCAT, billi approvat il-Konvenzjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 1986¹.

2.2. Il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku

L-ICCAT hija l-korp stabbilit mill-Konvenzjoni ICCAT biex jadotta deċiżjonijiet vinkolanti ("rakkomandazzjonijiet") għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tas-sajd fil-kompetenza tagħha. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-Unjoni.

Bħala parti kontraenti tal-ICCAT, l-Unjoni Ewropea hija intitolata tipparteċipa u tivvota fid-deċiżjonijiet tagħha. L-ICCAT tieħu d-deċiżjonijiet tagħha b'kunsens.

2.3. Deċiżjonijiet tal-ICCAT

L-ICCAT hija awtorizzata li tadotta rakkomandazzjonijiet għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tas-sajd fil-kompetenza tagħha, li huma vinkolanti għall-partijiet kontraenti.

Skont l-Artikolu VIII.2 tal-Konvenzjoni ICCAT, ir-rakkomandazzjonijiet jidħlu fis-seħħ sitt xhur wara d-data li fiha l-partijiet kontraenti jiġu notifikati bihom mill-ICCAT. Rakkomandazzjoni mhijiex vinkolanti fuq parti kontraenti jekk tkun issottomettiet u riaffermat oġġezzjoni għaliha. Jekk l-oġġezzjoni tkun appoġġjata mill-maġġoranza tal-partijiet kontraenti, ir-rakkomandazzjoni ma tidħolx fis-seħħ.

3. POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI EWROPEA

Il-pożizzjoni li tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat annwali tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) bħalissa hija stabbilita permezz ta' approċċ b'żewġ saffi. Deċiżjoni tal-Kunsill tistipula l-prinċipji ta' gwida u orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-UE fuq bażi pluriennali, u minn hemm 'il quddiem din il-pożizzjoni tiġi aġġustata għal kull laqgħa annwali permezz ta' dokumenti informali tas-servizzi tal-Kummissjoni li jridu jiġu endorsjati mill-Kunsill.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jiffirmaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

Għall-ICCAT, dan l-approċċ huwa implimentat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/868 tal-14 ta' Mejju 2019, li tistipula l-pożizzjoni tal-UE fl-ICCAT għall-perjodu 2019-2023. Id-Deċiżjoni fiha prinċipji ġenerali, iżda kemm jista' jkun tqis ukoll il-karatteristiċi speċifiċi tal-ICCAT. Barra minn hekk, tistipula l-proċess standard għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE kull sena kif mitlub mill-Istati Membri.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/868 inkorporat il-prinċipji tal-politika komuni tas-sajd il-ġdida, kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², filwaqt li tqis ukoll l-oġettivi stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd³. Barra minn hekk, aġġustat il-pożizzjoni tal-Unjoni għat-Trattat ta' Liżbona.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/868 tippredvi rieżami tal-pożizzjoni tal-Unjoni qabel il-laqgħa annwali tal-2024. Għalhekk, din il-proposta tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-ICCAT għall-perjodu 2024-2028, u b'hekk tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/868.

Fir-rigward tas-sajd, din ir-reviżjoni tqis il-Patt Ekoloġiku Ewropew, notevolment l-Istrateġija għall-Bijodiversità⁴, l-Adattament għat-Tibdil Klimatiku⁵ u “Mill-Għalqa sal-Platt”⁶. Tqis ukoll l-Istrateġija għall-Plastiks⁷ u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero⁸. Barra minn hekk, tqis ukoll il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani⁹.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

“Atti li jkollhom effetti legali” jinkludu atti li jkollhom effetti legali permezz tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni, u l-istrumenti li ma jkollhomx effett

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

³ COM(2011) 424, 13.7.2011.

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjita (COM/2020/380).

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, (COM(2021) 82 final).

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, COM(2018) 28 final.

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: “Lejn Tniġġis Zero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija” (COM/2021/400 final).

⁹ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final.

vinkolanti taħt id-dritt internazzjonali, iżda huma “jistgħu jinfluenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”¹⁰.

4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-ICCAT hija korp stabbilit permezz ta’ ftehim, il-Konvenzjoni ICCAT.

L-atti li l-ICCAT tintalab tadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. Dawn għandhom ikunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu VIII tal-Konvenzjoni ICCAT u minħabba li r-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT jistgħu jissupplimentaw, jemendaw jew jissostitwixxu l-obbligi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, huma kapaċi jinfluenzaw deċiżament il-kontenut ta’ dik il-leġiżlazzjoni, inkluż:

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat¹¹;
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta’ kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd¹²;
- ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta’ flotot tas-sajd esterni¹³;
- ir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009¹⁴;
- ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta’ ġestjoni, ta’ konservazzjoni u ta’ kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007¹⁵;
- ir-Regolament (UE) 2019/1154 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 u r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶;
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001 li jistabbilixxi miżuri ta’ kontroll applikabbli għas-sajd għal ċerti stokkijiet ta’ ħut li jpassi hafna¹⁷;
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta’ ċerti ħażniet ta’ speċi li jpassu ħafna u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 973/2001¹⁸; u

¹⁰ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

¹¹ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

¹² ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

¹³ ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

¹⁴ ĠU L 252, 16.9.2016, p. 1.

¹⁵ ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1.

¹⁶ ĠU L 188, 12.7.2019, p. 1.

¹⁷ ĠU L 263, 3.10.2001, p. 1.

¹⁸ ĠU L 123, 12.5.2007, p. 3.

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1984/2003 li jintroduċi sistema għall-monitoraġġ ta' statistika tal-kummerċ fit-tonn aħmar, pixxispad u tonn alalunga fi ħdan il-Komunità¹⁹.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni ICCAT.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea. Jekk l-att ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn il-miri jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-mira jew komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw is-sajd. Il-bażi ġuridika li tistabbilixxi l-prinċipji li jiġu riflessi f'din il-pożizzjoni hija r-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Id-Deċiżjoni se tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/868, li tkopri l-perjodu 2019-2023.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

¹⁹ ĠU L 295, 13.11.2003, p. 1.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/868

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 1986¹ il-Komunità Ewropea kkonkludiet il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ("Konvenzjoni ICCAT"), li stabbiliet il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ("ICCAT").
- (2) L-ICCAT tadotta miżuri biex tiżgura l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fuq terminu twil, fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT u biex tissalvagwardja l-ekosistemi marini li jinsabu fihom dawn ir-riżorsi. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitàjiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-oġġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjieg, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfitx li tiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi marini ħajjin jirrestawra u jmantni l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada oġġla mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni tiegħu miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, gradwalment telimina l-iskartar u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, u trażżan l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistema marina u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll meħmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jiffirmaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

jipprevedi li dawk l-objettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-tweġġ tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.

- (4) F'konformità mal-Istrateġija għall-Bijodiversità³, l-Adattament għat-Tibdil Klimatiku⁴ u “mill-Għalqa sal-Platt”⁵, huwa essenzjali li tiġi protetta n-natura u titreġġa lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. Ir-riskji li jirriżultaw mit-tibdil klimatiku u t-telf tal-bijodiversità ma jridux jippreġudikaw id-disponibbiltà tal-oġġetti u s-servizzi li ekosistemi marini f'saħħithom jipprovdu lis-sajjieda, lill-komunitajiet kostali u lill-umanità inġenerali.
- (5) L-istrateġija għall-Plastiks⁶ tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastiks u t-tniġġis tal-baħar kif ukoll it-telf jew l-abbandun tal-irkaptu tas-sajd fil-baħar. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero⁷ jimmira li jnaqqas 50 % tal-iskart tal-plastik fil-baħar u 30 % tal-mikroplastiki rilaxxati fl-ambjent.
- (6) Skont il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani⁸, il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità marini huma prijoritajiet ewlenin taħt l-azzjoni esterna tal-UE. L-UE hija l-aktar attur prominenti fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u fil-korpi tas-sajd madwar id-dinja. Hemmhekk, l-UE tippromwovi s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, tippromwovi t-teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti abbażi ta' parir xjentifiku sod, ittejjeb ir-riċerka xjentifika, u ssaħħaħ il-konformità.
- (7) Bħalissa l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-ICCAT hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/868⁹. Huwa xieraq li dik id-Deċiżjoni titħassar u li tiġi stabbilita Deċiżjoni ġdida għall-perjodu 2024-2028.
- (8) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-ICCAT għall-perjodu 2024-2028, minħabba li l-miżuri ta' konservazzjoni tal-ICCAT jistgħu jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008¹⁰; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009¹¹; u r-Regolament

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'haġġitna (COM/2020/380).

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, (COM(2021) 82 final).

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, COM(2018) 28 final.

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: “Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija”, COM(2021)400 final.

⁸ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final.

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/868 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li tħassar id-Deċiżjoni tat-8 ta' Lulju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fl-ICCAT (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 78).

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

(UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹²; ir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001¹⁴; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007¹⁵; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1984/2003¹⁶, ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷, u r-Regolament (UE) 2019/1154 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸.

- (9) Fid-dawl tan-natura evolventi tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi l-ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra preżentata qabel jew matul il-laqgħat tal-ICCAT, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perjodu 2024-2028. Jenħtieġ li daww il-pożizzjonijiet ikunu bi qbil mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) hija stabbilita fl-Anness I ta' din id-Deċizzjoni.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għall-oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-ICCAT għandha ssir f'konformità mal-Anness II.

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

¹² Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

¹³ Ir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 1).

¹⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001 tas-27 ta' Settembru 2001 li jstabbilixxi miżuri ta' kontroll applikabbli għas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna (ĠU L 263, 3.10.2001, p. 1).

¹⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jstabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' ċerti ħażniet ta' speċi li jpassu ħafna u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 973/2001 (ĠU L 123, 12.5.2007, p. 3).

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1984/2003 tat-8 ta' April 2003 li jintroduċi sistema għall-monitoraġġ ta' statistika tal-kummerċ fit-tonn aħmar, pixxispad u tonn alalunga fi ħdan il-Komunità (ĠU L 295, 13.11.2003, p. 1).

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jstabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1).

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2019/1154 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 u r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 1).

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stipulata fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għal-laqgħa annwali tal-ICCAT fl-2029.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni (UE) 2019/868 hija mħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President